DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 9 ta' Diċembru 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 236/2014

**Lill- :** Kapijiet fl-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat u Doreen Coleiro
Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Kors ta' Aġġornament Volontarju: Tisħiħ fil-Malti 1 (2015)

---

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistiednu lill-għalliema tal-Malti li jgħallmu fl-iskejjel medji u sekondarji (tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti) għal kors ta' aġġornament fuq bażi volontarja bl-isem **Tisħiħ fil-Malti 1**. Dan il-kors huwa mmirat għall-għalliema li qed jgħallmu l-Malti u li jħossu l-ħtieġa li jsaħħu l-għarfien tagħhom fil-lingwa Maltija.

Dan se jibda f'Jannar 2015 u jsir kull nhar ta' Erbgħa mit-3:30pm sal-5:30pm fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet, Tal-Ħandaq (Ħal Qormi), f'dawn il-jiem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **7 ta' Jannar** | **14 ta' Jannar** | **21 ta' Jannar** | **28 ta' Jannar** | **4 ta' Frar** | **11 ta' Frar** |

Inħeġġu lill-għalliema li jattendu l-kors iressqu d-diffikultajiet lingwistiċi li jiltaqgħu magħhom huma u l-istudenti tagħhom u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom. Se jkun hemm ħin f'kull sessjoni ddedikat għal dawn il-mistoqsijiet.

L-għalliema li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, l-indirizz postali u elettroniku, in-numru tat-telefown u l-iskola fejn jgħallmu lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur George Mifsud, george.mifsud@ilearn.edu.mt **sa nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru 2014.**

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel tletin għalliem li japplikaw.

Min jattendi l-laqgħat **kollha** jingħata ċ-ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**